MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 454/2014

**L-Avukat Dottor Jotham Scerri-Diacono**

**bhala mandatarju specjali f'isem u**

**ghan-nom tas-socjeta estera**

**Aqua Marine Navigation & Shipping Company S.A.**

**irregistrata l-Panama**

**vs**

**Pol-Euro Lines Shipping PLC SA**

**socjeta estera rapprezentata hawn**

**Malta mir-resident agent**

**Combined Maritime Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-26 ta’ Mejju 2014 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta konvenuta hija proprjetarja tal-bastiment navali "Sider Lipari" registrat hawn Malta u li ghandu n-numru ta' ufficjali IMO 9119907;

2. Illi s-socjeta attrici rikorrenti nolleggjat (time charter) l-imsemmi bastiment "Sider Lipari" mis-socjeta konvenuta (kif jirrizulta mic-charter party data tletin (30) ta' Mejju sena elfejn u tnax (2012) kopja hawn annessa u mmarkata Dokument 'A') ghal perjodu ta' sentejn b'dan illi tali perjodu seta' jigi estiz "+ 6 months in Charterers option +/- 15 days in Charterers' option";

3. Illi fil-hdax (II) ta' Gunju 2012 is-socjeta konvenuta ghaddiet il-bastiment de quo "Sider Lipari" lis-socjeta attrici;

4. Illi wara Ii s-socjeta attrici bdiet thaddem tali bastiment, irrizulta illi, fost hwejjeg ohra, l-istess bastiment ma kienx kapaci jtella' l-velocita pattwita fl-istess charter party tat-30 ta' Mejju 2012 u l-anqas ma kien kapaci jahdem fuq bir-rata ta' fuels u zjut kif hemmhekk miftihem u cioe "about 11,5 kn on about 10 mt IFO 120 est plus about 0.6 mt MGO ... till her redelivery" skond klawzola 80 tal-imsemmi charter party u dan bi ksur tal-istess charter party. Per konsegwenza, is-socjeta attrici soffriet id-danni;

5. Illi inoltre, wara Ii l-bastiment in kwistjoni beda jigi imhaddem mis-socjeta attrici taht l-istess charter party, l-istess bastiment kien kostrett iqatta' diversi perjodi wieqaf billi ma setax jigi operat minhabba hsara Ii soffra u/jew it-tiswijiet illi kellhom bzonn isiru fuqu;

6. Illi wara Ii l-bastiment dam izjed minn wiehed u ghoxrin (21) jum wieqaf minhabba diversi hsarat u/jew it-tistwijiet illi kellhom issiru, is-socjeta attrici kkancellat ic-charter party u kkonsenjat il-bastiment de quo lura lis-socjeta konvenuta, sidien tal-istess. Minhabba t-terminazzjoni prematura tac-charter party, is-socjeta attrici soffriet id-danni;

7. Illi jirrizulta wkoll illi s-socjeta attrici giet kostretta thallas ghal bunkers illi ma gewx ikkonsmati minnha u per konsegwenza baghtiet id-danni;

8. Illi d-danni illi soffriet is-socjeta attrici jammontaw komplessivament ghal madwar dollari amerikani disa' mija wiehed u tletin elf (US$931,000) izda stante li s-socjeta attrici hija debitrici tas-socjeta konvenuti fl-ammont ta' mija u tmint elef u sbatax-il dollaru Amerikan u tnejn u disghin centezmu (US$108,017.92) l-ammont illi qed jigi likwidat ghall-finijiet ta' dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 37(2) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ta' tmien mija tlieta u ghoxrin elf dollari |Amerikani (US$823,000) salv imghax u spejjez;

9. Illi ghad-danni kollha hawn fuq deskritti sofferti mis-socjeta attrici, tahti u trid tirrispondi s-socjeta konvenuta versu s-socjeta attrici - infatti s-socjeta attrici bi hsiebha tiddeduci l-pretenzjonijiet taghha (fil-mertu) kontra s-socjeta konvenuta billi tintavola kontra-talba kontriha fil-proceduri ta' arbitragg illi prezentament ghaddejin f'Londra bejn il-partijiet kontendenti;

10. Illi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti jirrigwarda ftehim li jirrigwarda "l-uzu jew il-kiri ta’ vapur, kemm permezz ta' charter party jew xort'ohra" kif previst fl-artikolu 742B(i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hu azzjonabbli bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742D tal-istess Kap. 12: b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif imfisser inter alia fl-artikolu 37(10)(a)(v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih ai termini tal-art. 37(1) tal-istess Kap. 12;

11. Illi sa fejn taf is-socjeta attrici, l-assi tas-socjeta konvenuta jikkonsistu biss mill-bastiment "Sider Lipari" u jekk is-socjeta konvenuta tbiegh jew tittrasferixxi b'xi mod iehor dan il-bastiment, jew xi sehem tieghu, il-kreditu tas-socjeta attrici jigi eluz;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment "Sider Lipari" irregistrat hawn Malta u li ghandu n-numru ta' ufficjali IMO 9119907 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici fir-rikors guramentat datat 26 ta' Mejju 2014 ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet mnisslin f'din ir-risposta.

A. Identita tas-socjeta rikorrenti

2. Illi preliminarjament, skond il-ftehim anness mar-rikors promotorju bhala Dok. A u cioe t-time charter party datat 30 ta' Mejju 2014 gie konkluz bejn is-socjeta Pol-Euro Lines Shipping PLC SA mas-socjeta Aqua Marine Shipping and Navigation bl-indirizz registrat fTawjih Street 4th Floor, Assaf Building, Tripoli, Lebanon u mhux gewwa l-Panama.

3. Illi skond il-prokura annessa mar-rikors promotorju bhala Dok. H, l-avukat Dottor Jotham Scerri-Diacono gie awtorizzat sabiex jipprocedi f'isem socjeta ohra u cioe "Aqua Marine Navigation Shipping Company S.A.".

4. Illi inoltre jinghad illi mir-ricerka li ghamlet is-socjeta intimata, l-attrici Aqua Marine Shipping and Navigation S.A. li allegatament hija irregistrata gewwa l-Panama lanqas biss tezisti u fil-fatt ir-rikorrenti ma gabu ebda provi ta' dan.

5. Illi preliminarjament, jinghad fl-ewwel lok li mir-ricerka tal-konvenuta jidher illi m'hemmx socjeta bl-isem "Aqua Marine Shipping and Navigation S.A.", irregistrata gewwa l-Panama u anke kieku stess din is-socjeta hija nkorporata u tezisti, m'ghandha l-ebda interess guridiku sabiex tintavola din l-azzjoni.

6. Illi ghalhekk ma jezistux ir-rekwisiti legali ghall-hrug tal-ordni de quo u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.

B. Falliment tas-socjeta rikorrenti li tipprezenta talba fuq il-merti

7. Illi fil-fatt, hija s-socjeta intimata li ghandha talba legittima kontra s-socjeta rikorrenti, tant hu hekk li s-socjeta rikorrenti gja bdiet proceduri arbitrali f'Londra kontra s-socjeta rikorrenti u

dan ai termini ta' klawsola numru 45(b) tac-charter party li gie esebit mis-socjeta rikorrenti mar-rikors taghha.

8. Illi minkejja l-fatt li s-socjeta esponenti kienet hatret l-arbitru taghha, Mr. Bruce Buchan; minkejja li s-socjeta rikorrenti ukoll appuntat l-arbitru taghha Mr. Charles Baker; minkejja li s-socjeta esponenti fil-11 ta' Ottubru 2013 ipprezentat t-talbiet taghha lis-socjeta rikorrenti li skattaw it-terminu ta' 28 gurnata ghar-risposta tas-socjeta rikorrenti; minkejja li s-socjeta rikorrenti fil-proceduri odjerni tghid li s-socjeta attrici qeda tallega kreditu favuriha li trid tikkawtela permezz tat-talba odjerna; minkejja li fir-rikors taghha odjern hija iddikjarat li "bi hsiebha tiddeduci l-pretenzjonijiet taghha (fil-mertu) kontra s-socjeta konvenuta billi tintavola kontrotalba kontriha fil-proceduri ta' arbitragg illi prezentament ghaddejin f'Londra bejn il-partijiet kontendenti", fil-fatt, is-socjeta rikorrenti naqset milli tirrispondi fiz-zmien ta' 28 gurnata - li skadew fit-8 ta' Novembru 2013 (7 xhur ilu) - fejn kellha kull opportunita li tipprezenta l-kontrotalba taghha.

9. Illi ghalhekk attwalment dina l-Onorabbli Qorti ghandha quddiema talba sabiex tipprojbixxi t-trasferiment ta' bastiment ai termini ta' artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta, bhala garanzija ghat-talba tar-rikorrenti fuq il-merti meta, l-istess rikorrenti diga naqset milli taghmel tali talba fuq il-merti li turi kemm din it-talba hija totalment vessatorja, intiza biss sabiex taghmel pressjoni illegittima fuq is-socjeta intimata.

10. Ghalhekk u bl-akbar rispett lejn l-Awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti, din l-istess Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet bl-ispejjez.

C. Talba ghall-kawteia permezz ta' arrest tal-bastiment gja ritjutata mil-Qorti Taijana

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fl-istess perijodu meta s-socjeta intimata bdiet il-proceduri arbitrali f'Londra kontra s-socjeta rikorrenti, u cioe f'Ottubru 2013, is-socjeta rikorrenti, bhala reazzjoni, kienet arrestat l-istess bastiment Sider Lipari gewwa l-Italja sabiex tikkawtela l-istess danni li qed jigu allegati min-nolleggaturi f'dan l-azzjoni.

12. Illi sussegwentament permezz tas-sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru 2013 mill-Qrati Taljani (u cioe mit- Tribunale di Ravenna), l-istess arrest gie revokat stante illi "... [L]a carenza di prova certa in ordine alla sussistenza dei lamentati danni nonche' del loro ammontare porta all'accoglimento del proposto reclamo ed alla revoca del sequestro conservative della m/n Sider Lipari disposto con ordinanza del 10.10.2013". Kopja ta' din d-decizjoni flimkien ma' traduzzjoni informali hawn anessi kollettivament bhala Dok. AAI.

13. Jinghad ukoll illi incidentalment, l-istess Qorti Taljana ordnat ukoll illi l-istess nolleggaturi kellhom ihallsu l-ispejjez gudizzjari ta' 'l fuq minn euro 6,000, li sallum ghandhom ma gewx imhallsin.

14. Illi fil-fatt u kif gie spjegat hawn fuq hija s-socjeta intimata li soffriet id-danni taht l-istess charter party u li kienet hi li gja fethet proceduri ta' arbitragg gewwa Londra, u f'dan ir-rigward ilhom jistennaw circa sitt xhur sabiex in-nolleggaturi jipprezentaw id-difiza taghhom jew kif qed jghidu l-kontrotalba issa, fuori termini tat-terminu stabbilit ta' 28-il gurnata.

15. Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta qeda tikkontesta bil-qawwa l-ammont ta' danni li s-socjeta rikorrenti qed tallega li soffriet u li ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri gie likwidat ghall-ammont ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin elf dollaru (USD823,000).

D. Konkluzjoni:

16. Ghar-ragunijiet premessi, bl-akbar rispett lejn l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikors odjern minhabba li:

A. Is-socjeta rikorrenti ma ghandha ebda interess guridiku f'din il-kawza.

Subordinatament u bla pregudizzju.

B. Is-socjeta rikorrenti qed tuza dawn il-proceduri sabiex taghmel pressjoni illegittima kontra s-socjeta intimata tant li din ma pprezentat ebda kontrotalba fl-arbitragg Londra kif kellha l-obbligu li taghmel fi 28 gurnata li skadew fit-8 ta' Novembru 2013 u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta rikorrenti.

Rat l-atti senjatament il-verbal tas-socjeta intimata tas-26 ta' Novembru 2014 fejn gew irtirati l-eccezzjonijiet kollha taghha;

Rat li l-vertenza thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba ta' socjeta estera sabiex jigi ordnat li ma jsir ebda negozju, bejgh jew self jew ipoteka fuq il-bastiment Sider Lipari registrat f'Malta numru ufficjali IMO 9119907 peress li l-istess socjeta rikorrenti ghandha pretensjoni ta' danni naxxenti minn ftehim ta' kiri/uzu tal-vapur (time charter) bejn il-partijiet li skond l-istess socjeta rikorrenti kellu jigi terminat minhabba nuqqasijiet kontrattwali attribwibbli lis-socjeta intimata.

Is-socjeta rikorenti tikkontendi li dan il-ftehim previst fl-artikolu 742B(i) tal-Kap. 12 hu azzjonabbli in rem a tenur tal-artikolu 742D tal-Kap. 12. Dan jikkostittwixxi dritt fi jew fuq vapur skond artikolu 37(1)(a)(v) tal-Kap. 234 u ghalhekk il-Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi n-negozju fuq il-bastiment ai termini tal-artikolu 37(1) tal-Kap. 12 kif qed jigi mitlub pendenti l-ezitu fil-mertu tal-vertenza.

Billi ma hemmx eccezzjonijet maghmula ghat-talba stante li gew irtirati din il-Qorti xorta trid tara jekk it-talba ta' natura kawtelatorja ghal preservazzjoni tal-allegat dritt tas-socjeta rikorrenti ghandhiex prima facie bazi fil-ligi. Is-socjeta rikorrenti ipprezentat il-ftehim bejn il-partijiet u bil-gurament tieghu Dr. Scerri Diacono spjega kif dan il-ftehim ma giex onorat senjatament ghax il-vapur ma kienx kapaci itella' l-velocita pattwita u dan sarraf f'danni. In oltre l-vapur zviluppawlu diversi hsarat fejn kien kostrett jibqa' wieqaf ghal 21 jum biex isiru t-tiswijiet. B'konsegwenza ta' dan is-socjeta rikorrenti itterminat il-ftehim u qed tfittex ghal dawn id-danni sofferti kif ukoll ghal hlas ta' bunkers li ma gewx ikkonsmati minhabba t-terminazzjoni prematura.

Ghalkemm ma gew esebiti ebda dokumenti in sostenn, f'dan l-istadju l-Qorti hi marbuta tiddeciedi jekk il-pretensjoni maghmula hix sussettibbli ghal dritt li jisthoqqlu jigi protett billi jigi inibit kull negozju fuq il-vapur innifsu. Ma hemm xejn fl-atti li juri illi tali pretensjoni naxxenti minn rapport kontrattwali allegatament miksur mis-socjeta intimata jekk gustifikata

fil-mertu, mhix suxxettibbli ghal jedd li jisthoqqlu jigi protett. In oltre kif allegat l-istess socjeta rikorrenti, il-vapur hu l-uniku assi tas-socjeta intimata, u billi l-pretensjoni hi ghal ammont konsiderevoli, il-garanzija ghal hlas tad-danni jista' jsir biss mill-valur tal-istess vapur.

Il-Qorti tqis it-talba f'dawn ic-cirkostanzi gustifikata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta rikorrenti kif dedotta. Tordna wkoll li din id-decizjoni tigi notifikata lis-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 ai termini tat-tieni talba tas-socjeta rikorrenti.

Spejjez jithallsu mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------